MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 79/2000/1

Consiglia Buttigieg .

vs

Gozo Channel Company Limited ;
Il-kaptan Joseph Cauchi ;
u l-membri tal-ekwipaġġ
John Xuereb, u
Raymond Muscat .

Il-Qorti ,

PRELIMINARI

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet :

Illi fit-tmintax (18) ta' Diċembru 1998, l-attriċi li kienet passiġġiera fuq l-"MV Cittadella" fit-trip tas-6.00 am. sejra mill-Imġarr Għawdex għaċ-Ċirkewwa Malta, weġġgħet

serjament meta hija, flimkien ma' passiġġieri oħra, waqt li kienet nieżla mir-rampa tal-istess vapur li kien diġa' trakka u li minnhu diġa kienu bdew ħerġin passiġġieri oħra, inħakmet mir-rampa tal-istess vapur bil-konsegwenza li l-istess rampa ħakmitilha saqajha x-xellugija u b'hekk hija waqgħet u kien biss b'miraklu li hija ma spiċċatx mgħafsa bejn ir-rampa tal-istess vapur u l-moll taċ-Ċirkewwa ;

Illi fil-mument li ġara l-inċident hawn fuq imsemmi, l-iżbark tal-passiġġieri u vetturi kien qiegħed issir taħt id-direzzjoni tal-konvenut l-ieħor, Joseph Cauchi, li kien il-kaptan tal-"MV Cittadella" u wkoll fil-mument li ġara l-inċident in kwistjoni, il-makkinarju sabiex titniżżel l-istess rampa kien qiegħed jiġi maneġġjat mill-membri tal-ekwipaġġ u ċioe' mill-konvenuti John Xuereb u Raymond Muscat ;

Illi għal inċident hawn fuq imsemmi hija responsabbli prinċipalment l-istess kumpanija, Gozo Channel Company Limited li naqset u għadha sal-lum tonqos milli tieħu dawk il-prekawzjonijiet kollha minimament rikjesti mill-liġi u li huma neċessarji sabiex tassigura s-saħħa u s-sigurta' tal-passiġġieri li jkunu qegħdin jużaw dana s-servizz tal-baħar kif ukoll il-konvenuti l-oħra, li minn naħħa tagħhom naqsu wkoll illi jieħdu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji bil-grad ta' diliġenza ta' "bonus paterfamilias" imposta minnhom bil-liġi sabiex jaraw illi l-iżbark tal-passiġġieri u l-vetturi issir kif suppost b'mod ordnat u sabiex b'mod ġererali wkoll jassiguraw il-ħajja u jissalvagwardjaw is-sigurta' tal-istess passiġġieri waqt li jkunu qegħdin jużaw dana s-servizz tal-kumpanija Gozo Channel ;

Illi dina r-responsabilita' taggrava u taċċentwa ruħha aktar meta wieħed iżomm quddiem għajnejh illi l-istess kumpanija Gozo Channel għandha l-monopolju assolut fil-ġarr tal-passiġġieri u tal-vetturi bil-baħar u l-iżbark u d-dħul mill- u fl-istess bastiment dejjem issir minn rampa waħda u dana japplika sewwa għar-rigward il-passiġġieri kif ukoll għar-rigward il-vetturi ;

Illi minħabba l-inċident hawn fuq imsemmi, l-attriċi sofriet diversi ġrieħi f'saqajha x-xellugija liema feriti kkawżawlha debilita' permanenti fuq persuntha bil-konsegwenza illi l-

attriċi sofriet kemm danni materjali kif ukoll dawk fil-kwalita' ta' lucrum cessans peress illi hija ma setgħetx tmur aktar għax-xogħol, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-istess kawża ;

Illi l-konvenuti, għalkemm dawna daħlu fi trattattivi mal-istess attriċi sabiex bonarjament jiġi likwidat il-kumpens dovut, fil-preżent qegħdin jirrifjutaw li jaċċettaw ir-responsabbilita u jħallsu lill-attriċi d-danni kollha minnha sofferti u likwidati .

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi huma jew min minnhom unikament responsabbli għal inċident hawn fuq deskritt u li fih weġġgħet gravament l-attriċi ;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attriċi, okkorrendo n-nomina ta' perit għal istess fini, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll fil-kwalita' ta' lucrum cessans u telf ta' xogħol, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ ta' dina l-kawża ;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew lil min minnhom sabiex iħallsu lill-attriċi d-danni kollha minnha hekk sofferti u likwidati .

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-tnax (12) ta' Jannar 1999 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni u għaliha minn issa huma imħarrka . Bl-imgħaxijiet skond il-liġi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi debitament maħlufa minnha .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Raymond Muscat li eċċepixxa :

1. Illi għal l-inċident mertu taċ-ċitazzjoni kienet taħti l-attriċi stess li m'obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-

membri tal-ekwipaġġ tal-vapur MV Cittadella u niżlet minn abbord qabel ma kienet niżlet kompletament ir-rampa .

2. Illi konsegwentement ma hemm ebda ammont dovut lill-attriċi għar-rigward l-imsemmi inċident .

3. Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost għas-sinistru relattiv semmai jirrispondi l-vapur u konsegwentement il-kumpanija konvenuta stante li kull ħaġa li għamel hu kien fil-kwalita' tiegħu ta' membru tal-ekwipaġġ abbord il-vapur .

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu maħlufa.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Kaptan Joseph Cauchi li eċċepixxa illi :

1. Illi għall-inċident mertu taċ-ċitazzjoni kienet taħti l-attriċi stess li m'obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-membri tal-ekwipaġġ tal-vapur MV Cittadella u niżlet minn abbord qabel ma kienet niżlet kompletament ir-rampa .

2. Illi konsegwentement ma hemm ebda ammont dovut lill-attriċi għar-rigward l-imsemmi inċident .

3. Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost għas-sinistru relattiv semmai jirrispondi l-vapur u konsegwentement il-kumpanija konvenuta stante li kull ħaġa li għamel hu kien fil-kwalita' tiegħu ta' kaptan abbord il-vapur .

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi .

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut minnu maħlufa .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta Gozo Channel Co. Ltd. li eċċepiet illi :

1. Illi għall-inċident mertu taċ-ċitazzjoni kienet taħti l-attriċi stess li m'obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-membri tal-ekwipagg tal-vapur MV Cittadella u niżlet minn abbord qabel ma kienet niżlet kompletament ir-rampa .

2. Illi konsegwentement ma hemm ebda ammont dovut lill-attur għar-rigward l-imsemmi inċident .
3. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjeta' konvenuta maħlufa minn Dr. Aaron Attard Hili .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut John Xuereb li eċċepixxa illi :

1. Illi għall-inċident mertu taċ-ċitazzjoni kienet taħti l-attriċi stess li m'obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-membri tal-ekwipaġġ tal-vapur MV Cittadella u niżlet minn abbord qabel ma kienet niżlet kompletament ir-rampa .

2. Illi konsegwentement ma hemm ebda ammont dovut lill-attriċi għar-rigward l-imsemmi inċident .

3. Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost għas-sinistru relattiv semmai jirrispondi l-vapur u konsegwentement il-kumpanija konvenuta stante li kull ħaġa li għamel hu kien fil-kwalita' tiegħu ta' membru tal-ekwipaġġ abbord il-vapur .

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu maħlufa.

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Ottubru 2002 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Charles Grixti bħala espert mediku sabiex jeżamina lill-attriċi u jirrelata dwar l-istat ta' saħħa fiżika tagħha .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mediku ppreżentata fl-14 ta' Frar 2003 u maħlufa minnu fil-25 ta' Novembru 2003 .

Rat il-verbal tagħha tas-7 ta' Diċembru 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti, inklużi l-verbali tax-xhieda miġbura fil-kawżi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet : "David John Depasquale vs Gozo Channel Co. Ltd. et." (ċitaz nru. 869/00) u "Mark Borg vs Gozo Channel Co. Ltd. et." (cit. 2501/00), u dana a tenur ta' verbal tal-kontendenti ta' l-14 ta' Frar 2002[1] .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attriċi in segwitu għal inċident illi nqala' waqt illi hija kienet nieżla minn fuq ir-rampa tal-vapur ta' Għawdex hekk kif dan trakka mal-moll tan-nofsinhar fiċ-Ċirkewwa .

FATTI

Fit-18 ta' Diċembru 1998 għall-ħabta tas-6.30 a.m. waqt li l-attriċi kienet qegħda fuq ir-rampa tal-vapur "MV Cittadella", li kien għadu kemm trakka mal-moll tan-nofsinhar (u ċioe' dak ta' taħt il-lukanda Paradise Bay), peress illi r-riħ kien qed jonfoħ mill-grigal, din ir-rampa li jidher illi kienet kemm kemm qed isserraħ max-xifer tal-moll, nġibdet lura mill-kurrent tal-baħar, bil-konsegwenza illi diversi passiġġieri li dak il-ħin kienu għadhom fuq ir-rampa, fosthom l-attriċi, waqgħu, uħud minnhom anke fil-baħar, u ndarbu serjament . L-attriċi spiċċat inqabdet bejn waħda mill-*flaps* li kien hemm fit-tarf tar-rampa, u weġġgħet l-irkoppa ta' sieqha x-xellugija . Hija kellha "*ksur fl-għadma tan-naħa ta' barra u ta' fuq tat-Tibia x-*

[1] A fol. 107 tal-process .

*xellugija jiġifieri tal-qasba tas-sieq . Dak il-ksur baqa' tiela' għal ġol-ġog tal-irkoppa."* [2]

RESPONSABILITA' .

Il-konvenuti kollha jikkontendu illi għal dan l-inċident taħti l-attriċi stess għax m'obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-membri ta' l-ekwipaġġ tal-vapur u niżlet minn abbord qabel ma kienet niżlet kompletament it-rampa . Imma l-provi mreqqsa għall-konsiderazzjoni tal-Qorti jindikaw xort'oħra . L-attriċi ġiet korroborata fil-verżjoni tagħha illi ġia kien hemm numru konsiderevoli ta' passiġġieri illi kienu laħqu niżlu l-art u anke waslu sa fejn kien hemm il-karozzi tal-linja jistennew . Hija u t-tliet passiġġieri l-oħra li korrew f'dan l-inċident kienu għadhom fuq ir-rampa għax kienu minn ta' l-aħħar li tttentaw jinżlu minn fuq il-vapur . Lanqas ma ġiet ippruvata l-allegazzjoni tal-konvenuti li kien hemm xi ħadd mill-membri ta' l-ekwipaġġ illi qallhom sabiex jistennew li tinżel sew ir-rampa . Infatti l-attriċi ddeskriviet l-inċident bil-mod segwenti :

*"Kien hemm il-ħaddiema tal-Gozo Channel li niżżlu r-rampa fosthom Ganni Xuereb . Malli niżlet ir-rampa mal-art in-nies bdew neżlin . Jien dejjem kont noqgħod għall-aħħar peress illi ma kienx ikolli għaġla . Għalhekk jien kont minn ta' l-aħħar li bdejt nieżla .*

*Kif wasalt eżatt f'tarf ir-rampa, ir-rampa bdiet miexja lura . Dan ovvjament minħabba l-mewġ u l-imbatt illi kien qed jaħbat mal-vapur . Ir-rampa kienet fit-tarf tal-moll bil-konsegwenza illi kif din iċċaqalqet daqsxejn żgħira lura sabet il-vojt u r-rampa waqgħet għal isfel għax il-flaps tgħawwġu lura . Kif wasalt biex nitfa' saqajja l-art, waħda barra u l-oħra isfel, rajt lil Ganni Xuereb, bahri mal-Gozo Channel jagħfas il-buttuna tal-bieba u nqlibna b'lura peress illi nqalbu l-flaps tar-rampa . Irrid niċċara illi r-rampa fiha l-flaps u sieqi x-xellugija weħlet fil-qasma bejn il-flaps . Għalhekk mhux minnu dak li qegħda tallega l-*

[2] ara rapporti tal-kirurgi Mr. Raymond Aquilina a fol. 7 tal-process, ta' Mr. Carmel Sciberras a fol. 9 - 11, u dak ta' l-espert mediku nkarigat mill-Qorti Mr. Charles Grixti a fol. 212 - 215 .

*kumpanija li jiena qbiżt xi ħabel li kien hemm mar-rampa."* [3]

Joanne Galea, passiġġiera oħra fuq l-istess vapur, hekk spjegat dan l-inċident :

*"… dakinhar prattikament fis-sitta u nofs hekk, inżilna fuq il-vapur stess biex ninżlu minn fuq ir-rampa biex immorru ċ-Ċirkewwa . Jien kont fuq in-naħa ta' wara . In-nies kienu diġa' bdew jiġifieri telgħin biċċa minnhom fuq tal-linja . Naf li x'ħin bdejt miexja jien fuq ir-rampa f'daqqa waħda sibt wiċċi ma' biċċa ħadida . Dak il-ħin ma kontx naf x'inhi eżatt . Wara ndunajt li kienet ir-rampa . … Jiena kont miexja fuq ir-rampa, u r-rampa qisha ċediet, bħal meta ċċedi xi ħaġa*." [4]

Hekk ukoll David Depasquale, wieħed mill-vittmi :

"*Kien hemm il-ħaddiema tal-Gozo Channel li niżżlu r-rampa . Ngħid illi hija u nieżla r-rampa kien hemm xi passiġġieri li bdew neżlin minn fuqha għalkemm din kienet għadha ma messitx totalment mal-art . Fil-fatt dawn qabżu u ħarbu jiġru għall-korozza tal-linja . Kif ir-rampa messet mal-art in-nies bdew neżlin . Ngħid illi fil-fatt kien hemm ħafna passiġġieri li bdew neżlin .*

*Jien ma kontx minn ta' quddiem, Kont f'nofs il-kju ta' passiġġieri li bdew neżlin . Kif wasalt jiena eżatt f'tarf ir-rampa, ir-rampa bdiet miexja lura . Dan ovvjament minħabba l-mewġ u l-imbatt illi kien qed jaħbat mal-vapur . Ir-rampa kienet qegħda fit-tarf tal-moll bil-konsegwenza illi kif din iċċaqalqet daqsxejn żgħira lura sabet il-vojt u r-rampa waqgħet għal isfel għax il-flaps tgħawwġu lura*." [5]

Minn din l-evidenza kollha m'għandu jibqa' ebda dubbju illi l-attriċi ma setgħet kellha ebda ħtija għal dak li ġralha fl-inċident in kwistjoni . Jirriżulta ampjament illi dak li ġara

---

[3] ara affidavit ta' l-attriċi a fol. 39 tal-process .
[4] ara depożizzjoni tax-xhud a fol. 99 .
[5] ara depożizzjoni tiegħu a fol. 110 - 111; ara wkoll affidavit ta' Ruth Sultana a fol. 147-148 ; Alessio Camilleri a fol. 115 – 116 ; Mark Borg, vittma oħra f'dan l-inċident a fol. 117 - 118 u Jamie Camilleri a fol.119 – 120 .

seħħ minħabba illi r-rampa tal-vapur reġgħet lura wara li l-vapur kien trakka mal-moll . Jidher illi dan ġara minħabba l-baħar qawwi u għax il-vapur ma kienx għadu marbut sew mal-moll . Kienet x'kienet ir-raġuni vera għal dan l-akkadut, jibqa' l-fatt illi l-kaptan tal-vapur, il-konvenut Joseph Cauchi ma jistax jaħrab mir-responsabilita' tiegħu bħala l-persuna illi dak il-ħin kellu l-kontroll tal-vapur f'idejħ . Joħroġ ukoll mill-affidavit tiegħu illi kien hu li ta l-ordni li titniżżel ir-rampa[6] . Ir-responsabilita' tas-soċjeta' konvenuta Gozo Channel Co. Ltd. temani mill-fatt illi hija kienet responsabbli mill-ġestjoni tas-servizz tal-vapur bejn iż-żewġ gżejjer . Imma minn naħa l-oħra ma tirriżulta ebda ħtija da parti tal-konvenuti l-oħra . John Xuereb jissemma biss mill-attriċi fl-affidavit tagħha bħala l-persuna li għafset xi buttuna li biha kienet titħaddem ir-rampa[7] . Raymond Muscat, membru ieħor ta' l-ekwipaġġ kien inkarigat miċ-ċimi tal-poppa tal-vapur, mentri l-inċident ġara fuq in-naħa tal-pruwa fejn ma seta' jara xejn minħabba t-tul tal-vapur[8] .

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI .

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili . Kif ġie osservat mill-qrati taghna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ . Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi[9] . Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi moltepliċi, u tista' ukoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem

---

ara dan l-affidavit a fol 128 tal-kawza : David John Depasquale vs Gozo Channel Co. Ltd. et (cit. 869/2000) .

[7] ara affidavit taghha a fol. 39 .

[8] ara affidavit tiegħu a fol. 255 .

[9] Savona vs Asphar : Appell : 23.6.1952 .

hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie[10] .

Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti : id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*) .

A. **Damnum Emergens :**

Dawn normalment huma d-danni attwali u effettivi sofferti mid-danneġġjat u mhux soltu jagħtu lok għal kontroversja . Fil-każ preżenti, l-ispejjeż inkorsi mill-attur, skond l-ittra mibgħuta mill-legali ta' l-attriċi lill-legali tal-konvenuti, jirriżulta illi din qed tippretendi s-somma totali ta' erba' mija tmienja u għoxrin lira maltija għal dan il-fini[11] . Dawn l-ispejjeż ġew kollha korroborati bl-irċevuti relattivi[12] . Ma jidhirx illi għandu jkun hemm ebda kontroversja dwarhom u jidher illi huma ripetibbli . Għaldaqstant jiġi illi bħala danni attwali l-attriċi sofriet : Lm 428 .

B. **Lucrum Cessan**s : Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji . Kif intqal pjuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell : "*Jingħad illi l-qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom …. . Diversi drabi l-qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'*[13] .

Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża :

*"Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-*

---

[10] Carmelo Fenech vs Antonio Galea ; vol. XL. I. 73 ; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech; vol. XLII. II.1019 .
[11] ara ittra relattiva a fol. 42 tal-process .
[12] a fol. 65 - 68 tal-process, u ricevuta ta' hlas dwar servigi resi lill-attriċi minn ohtha kemm damet konvalexxenti, a fol. 97. .
[13] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et : Appell : 15.1.2002 .

*ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita' . Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni . Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'.*[14]

Għal numru ta' snin il-qrati tagħna fil-maġġjor parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilit għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**" . Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jissejjaħ il-***multiplier system*** li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment* . F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmenijiet attwali[15] .

Meta seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża l-attriċi kienet impjegata bħala *cleaner* f'żewġ lukandi l-Mellieħa . Mill-kopji tar-*returns* tat-taxxa tad-dħul tagħha għall-aħħar tliet snin qabel seħħ dan l-inċident, jirriżulta illi kienet taqla' medja ta' Lm4294 fis-sena[16] . Minħabba d-debilita' permanenti li sofriet l-attriċi ma setgħet qatt terġa' lura għax-xogħol li kellha[17] . Fil-kawżi li segwew Butler vs Heard b'mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqagħla taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet tittieħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena . Illum-il ġurnata pero' meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi ħafna pajjiżi qed itawwlu wkoll l-eta' tal-pensjoni, ma baqa'

---

[14] Francis Sultana vs . John Micallef et noe.et : Appell: 20.7.1994 .

[15] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard : sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003 .

[16] ara dokumenti relattivi a fol. 70 – 95 .

[17] ara rapport ta' l-espert mediku a fol .212 – 215 .

ebda raġuni għaliex il-ħajja lavorattiva ma tiġix kalkolata kollha[18] .

Meta seħħ dan l-inċident l-attriċi kellha tnejn u ħamsin (52) sena u għalhekk kien għad baqagħla ħajja lavorattiva ta' 8 snin oħra . L-espert mediku stabilixxa li l-perċentwali ta' diżabilita' permanenti kienet ta' tnax fil-mija (12%)[19] . Skond il-ġurisprudenza kostanti, minħabba l-*lump sum payment*, għandu jitnaqqas kwint (1/5) . Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk : Lm4294 (paga bażi) x 8 (snin ta' ħajja lavorattiva) x 12% (perċentwali ta' debilita' permanenti) x 80% (minħabba l-*lump sum payment*) = Lm3297.79 .

RI-EPILOGU .

Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-attriċi in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza ta' l-inċident mertu ta' din il-kawża, huma s-segwenti :

1. Damnum emergens : Lm 428 +
2. Lucrum Cessans : Lm.3298

- Total ta' : Lm.3726

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara lill-konvenuti Gozo Channel Company Limited u Joseph Cauchi responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża ;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi minħabba fl-istess inċidenti, fl-ammont ta' tliet elef seba' mija u sitta u għoxrin lira maltija (Lm3726) ;

---

[18] Agius vs. Galea et noe.: Kummerc : 11.7.1989; Buttigieg vs Azzopardi : Kummerc : 25.7.1989; Mario Camilleri vs Mario Borg:Prim'Awla : 8.5.1990 .
[19] ara rapport peritali a fol. 212 - 215 .

3. tikkundanna lill-istess konvenuti *in solidum* bejniethom sabiex iħallsu l-ammont hekk likwidat lill-attriċi .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tat-12 ta' Jannar 1999, kontra l-istess konvenuti .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------